MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Numru 540/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Dominic Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dominic Camilleri,** ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Francis u Ermelinda neé Cauchi, imwieled Pieta', nhar id-9 ta' April 1980, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 199180(M) u residenti gewwa Block C, Flat 8, Triq il-Hawli, Birgu, akkuzat talli:

1. bejn is-26 u t-28 ta' Mejju 2013 gewwa Triq San Lawrenz, Birgu, ikkommeta serq minn gewwa l-Knisja

Parrokjali ta' San Lawrenz, il-Birgu, liema serq sar ghad-dannu tal-Parrocca tal-Birgu, u liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bil-lok;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' anqas minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) u liema hsara saret ghad-detriment tal-Parrocca tal-Birgu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li jirrizulta li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh fit-triq it-tajba u dan sabiex ipoggi l-hajja tieghu fid-direzzjoni t-tajba u kif ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tallum mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267, 269(a) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Dominic Camilleri taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Dominic Camilleri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Dominic Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------